



SAN FRANGISK

MAL-KROCJATI

Is-Sittax-il Sena. JANNAR - MARZU 1970. Għadd 1.

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes"*

LEĦEN

# L-ART IMQADDSA

**QARI**
**LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR**
**MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU**
**F'MALTA**

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." — Valletta.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA

Is-Sittax-il Sena. JANNAR - MARZU 1970. Għadd 1.


X'FIH DAN IL-GĦADD


IMĦABBA LI TIBQA' (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... ... 1

Ittra Enċiklika ... ... ... ... ... ... ... ... 2

Il-Ġurdan u l-Magħmudija ta' Ġesù (P. Mikiel Catania, O.F.M.) ... 5

Tgħid Skruplu ta' Kuxjenza? (B.L.) ... ... ... ... ... ... 10

Missierna San Pawl (Paulus) ... ... ... ... ... ... ... 12

Is-Sinagoga (P. Lett. Dionisju Mintoff, O.F.M.) ... ... ... ... 15

Il-Lhud, Barra u Ġewwa minn Pajjiżhom, fi Żmien Kristu
(P. Norbert Ellul Vincenti, O.F.M.) ... ... ... ... ... ... 19

Ktieb il-Għerf (P. Guido Schembri, O.F.M.) ... ... ... ... ... 21

In-Nisa ta' l-Iskrittura Mqaddsa — Eva (Ir-Raħeb) ... ... ... 25

Il-Muntanja Nebo (Mikiel) ... ... ... ... ... ... ... 27

Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... 30

Aħbar ta' Niket (Luret Cutajar) ... ... ... ... ... ... 31

Mejtin ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 32



*Direzzjoni:* W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni:* R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

# IMĦABBA LI TIBQA'

*Iż-żmien jimxi u jgħib u ma jħallix warajh ħlief tifkiriet biex jistgħu jkunu ta' tagħlim għal min irid jinqegħda bihom. Jistgħu jkunu tifkiriet sbieħ, għolja, qaddisa li jsebbħu l-ħajja ta' min għamilhom u ta' min ġarrabhom; jistgħu jkunu tifkiriet koroh, ta' niket, ta' demm, ta' tbatija li jwaqqgħu fil-għib 'l min wettaqhom. Kemm is-sbieħ, kemm il-koroh iħallu risonanza fil-ħajja, li ħafna drabi ma tmutx għax tibqa' tinħass fl-effetti traġiċi tagħha.*

*F'din is-sena 1970 qegħdin infakkru żewġ ġrajjiet kbar: waħda ntemmet fis-sena 70 wara Kristu, u l-oħra fl-1220 wara Kristu.*

*Fis-sena 70 Ġerusalem waqgħet f'idejn l-eżerċtu ta' Vespasjanu u Titu, Wara li ġarrbet assedju li żgur min jaqra Ġużeppi Flavju jistqarr li ieħor bħalu ma ġarrbitx id-dinja. Kien it-twettiq ta' profezija magħmula minn Ġesù Kristu ftit snin qabel meta quddiem id-deħra ta' Ġerusalem Huwa tenna: "Qegħdin taraw dawn il-ħwejjeġ kollha (kien qiegħed iħares lejn it-tempju li d-dixxipli tiegħu xtaqu juruh)? Fuq kliemi ngħidilkom ma tibqax ġebla fuq ġebla, li ma tiġix imġarrfa." (Matt. 24, 2) L-effetti ta' din il-ħerba għadhom jidhru sallum, għax minn dak it-Tempju tal-għaġeb, li Salamun kien bena b'tant għaqal u sengħa ma jidhirx ħlief ħajt li ħdejh imorru jibku bla ebda tama ta' faraġ il-Lhud. Għal min irid jieħu tagħlima: il-ħwejjeġ t'Alla jeħtieġ li jittieħdu bis--serjetà kollha, għax b'Alla ma jidħak ħadd, u llum jew għada kulħadd irid jagħti kont ta' mġiebtu.*

*
* *

*Il-ġrajja l-oħra li qed infakkru għax għalqet seba' mija u ħamsin sena hija l-mawra tal-Patrijarka Missierna San Franġisk fil-Palestina. Fl-1219 huwa niżel probabilment ħdejn Akri minn fejn laħaq il-kamp tal-Kroċjati fl-Eġittu ħdejn Damjetta wara li kellem personalment lis-Sultan Melek-el-Kamel. U dak li mgħamlux il-Kroċjati bis-saħħa tal-armi, għamel San Franġisk bis-setgħa tal-imħabba. Is-saltna tal-Kroċjati ntemmet u għabet; ma qamitx aktar. Is-saltna tal-imħabba tkompliet, għada sħiħa, għada twettaq il-missjoni tagħha ta' għajnuna u paċi. Il-kelmiet tal-Iskrittura "Fuq is-swar tiegħek, Ġerusalem, jiena poġġejt għassiesa, li ma' tul il-jum u ma' tul il-lejl ma jieqfux jgħannu l-għana tiegħek," (Isajija, 62, 6) donnhom inkitbu għal dawn il-għassiesa qalbiena li minkejja t-tbatija li ġarrbu u d-demm li xerrdu għadhom ħemm iħarsu l-aktar postijiet għeżież ta' din ir-reliġjon li nħolqot biex tkebbes u tkabbar l-imħabba.*

*Jalla din l-imħabba tkompli ssaltan minkejja s-sħab ikraħ li għaddej bħalissa minħabba l-qagħda xejn sabiħa tal-pajjiżi tal-Lvant nofsani, biex il-ġid li għamlet il-Knisja Kattolka u l-Ordni Franġiskana jkompli jixxerred fuq din l-art qaddisa li tibqa' għal dejjem, irridu u marridux l-art li rat it-Twelid u l-Mewt ta' min ried jifdina bit-tixrid ta' demmu.*

*ID-DIREZZJONI.*